**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru 2017**

**Talba Nru: 189/17 CZ**

**Attrans Limited (C 8520)**
**vs.**
**Amor Ltd (C 52759)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-7 t'April 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tlett'elef u hames Euro u hamsa w hamsin centezmu (€3,005.55), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi s-socjeta' attrici titlob lil dana t-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta Amor Ltd. thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef u hames Euro u hamsa w hamsin centezmu (€3,005.55) rapprezentanti garr tal-merkanzija debitament konsenjata lis-socjeta' konvenut fuq l-ordni taghha stess u dan skond l-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 1730/14 u bl-imghax fuq is-sorte mid-data ta' l-istatement sa l-effettiv pagament u dana bl-oghla rata skond il-ligi.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef u hames Euro u hamsa w hamsin centezmu

(€3,005.55) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Marzu 2014 (data tar-rendikont), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur